14 ta' Marzu, 1949.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*.

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Nutar Dr. Vincenzo Gatt ne.

*versus*

Chev. Anthony Cassar Torreggiani, O.B.E.

**Bank — National Bank of Malta — Donazzjoni — Oġġett u Kawża f'Xuntratt — Kap 70 ta' l-Edizzjoni Riveduta.**

*F'dana l-każ ġie ritenut illi, meta saret l-amalgamazzjoni ta' l-Anglo-Maltese Bank u l-Bank of Malta, u ġie kreat minflokhom in-National Bank of Malta, il-fatt li l-azzjonisti taż-żewġ banek antiki rċevew azzjonijiet tal-Bank il-ġdid u ħarġu £100 għal kull azzjoni nominali li fil-fatt kienet effettivament tiswa £150, ma rċevewx donazzjoni minn għand il-Bank il-ġdid ta' £50 fuq kull azzjoni li rċevew, jiġifieri għad-differenza bejn il-valur effettiv ta' l-azzjoni u l-flus li ħarġu għall-azzjoni; u għalhekk dawk l-azzjonisti antiki li rċevew minn dawn l-azzjonijiet il-ġodda ma kienux*

*obligati iddikjarawhom bħala donazzjoni lill-Kollettur tat-Taxxi għall-finijiet tat-taxxa fuq is-suċċessjonijiet u d-donazzjonijiet.*

*Il-movent ta' kuntratt huwa ħaġa u l-kawża hija ħaġa oħra; u dak li trid il-liġi bħala element essenzjali tal-kuntratt ma' l-oġġett hija l-kawża, indipendentement minn x'seta' kien il-movent li spinġa l-partijiet biex jagħmlu l-kuntratt.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur nomine quddiem il-Prim'Awla Ċivili tal-Maestà tar-Re, fejn ippremetta illi b'effett mill-ewwel ta' Jannar 1946 ġie ffurmat in-National Bank of Malta, li jinkorpora fih l-Anglo Maltese Bank u l-Bank of Malta skond statut li kopja tiegħu tinsab hemm miġjuba (dok. "A"); illi skond il-prospett li kien anness ma' l-istess statut, li juri d-"Distribution of Capital", il-"Conversion" u l-"Allotment" tax-Shares, in-National Bank of Malta ħareġ 1400 "newly-issued ordinary shares" ta' £100 l-wieħed li minnhom elf ġew offerti bi preferenza lil dawk li kienu "share-holders" fil-banek amalgamati fuq il-bażi ta' 800 lix-"share holders" ta' l-Anglo Maltese Bank u 200 lix-"share holders" tal-Bank of Malta, u li kellhom jitħallsu kwantu għal 50% mill-"Free Reserves" tal-Bank rispettiv li tiegħu s-"subscribers" huma "share holders" u kwantu għal 50% bi flus kontanti ("cash") mas-sottoskrizzjoni; illi l-valur ta' dawn ix-"shares", jiġifieri l-valur effettiv tagħhom, kien ta' £150 l-wieħed, kif jidher mill-istess korp tal-prospett, fejn jingħad illi x-"shares" li ma jkunux meħuda skond il-preferenza fuq imsemmija kellhom jiġu offerti bi "premium" ta" £50 għal kull "share' fl-ewwel lok lill-istess "share holders" tal-banek amalgamati, u mbagħad lil nies oħra approvati mill-Board tad-Directors; l-istess ħaġa tidher ukoll mill-fatt illi 400 "newly-issued ordinary shares" oħra ta" £100 l-wieħed ġew ukoll offerti bi "premium" ta' £50 għal kull "share";

Illi fl-istess kuntratt ta' kostituzzjoni tan-National Bank of Malta l-valur effettiv ta' l-imsemmija "newly-issued ordinary shares" skond il-prezz korrenti ġie mill-istess partijiet stmat, għall-finijiet tal-boll, bħala £150 għal kull "share"; u illi b'dan il-mod in-National Bank of Malta għal 1000 "shares" offerti bi preferenza lix-"share holders" tal-banek amalgamati kif intqal fuq, li kif intqal il-valur effettiv ta' kull

wieħed minnhom kien ta' £1500, kien qiegħed jeżiġi biss £100 għal kull "share", in kwantu għal 50% mir-riżerva tar-rispettivi banek u in kwantu għal 50% fi flus kontanti mis-sottoskriventi, u b'daqshekk kull wieħed minn dawn ix-"share holders", għan-numru ta' "shares" hekk assenjati lilu, kien qiegħed jirċievi bla ebda ħlas differenza ta' valur ta' £50 għal kull "share";

Illi l-konvenut Chevalier Anthony Cassar Torregiani, O.B.E., irċieva 48 minn dawn ix-"shares" tal-valur effettiv, kollha flimkien, ta' £7200, waqt li għal dawn ix-"shares" il-ħlas kollu li sar kien ta' £400 mir-riżerva tal-Bank Malti, £2000 mir-riżerva ta' l-Anglo Maltese Bank, u £2400 flus kontanti minnu, b'mod illi rċieva d-differenza, jiġifieri l-valur ta' £2400, bla ebda korrispettiv;

Illi skond l-art. 97 ta' l-Ordinanza dwar is-Suċċessjoni u Donazzjoni (Kapitlu 70), kull donazzjoni, kompriża kull rinunzja ta' drittijiet, jikkostitwixxu trasferiment gratuwitu għall-finijiet ta' dik l-Ordinanza u suġġetti kwindi għad-denunzja u ħlas ta' taxxa;

U talab li jiġi dikjarat u deċiż illi l-£2400 rappreżentati mid-differenza bejn il-valur effettiv tat-48 "shares" assenjati lilu, kif miġjub fuq, u l-ħlas li effettivament sar għall-akkwist tagħhom, riċevuti minnu min-National Bank of Malta, tikkostitwixxi trasferiment gratuwitu favur tiegħu għall-finijiet ta' l-Ordinanza fuq imsemmija, u bħala tali suġġetti għad-denunzja u l-ħlas tat-taxxa; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha jopponi illi l-"allotment" ta' 48 "shares" tan-National Bank of Malta ma jikkostitwixxix ebda donazzjoni, la ġuridikament u lanqas ekonomikament;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu fit-18 ta' Settembru 1948, fejn ċaħdet it-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi biex issir l-amalgamazzjoni ta' soċjetà f'oħra hemm bżonn li jsiru qabel xejn l-atti preparatorji, sija għall-approvazzjoni ta' l-istatut tas-soċjetà l-ġdida, sija sabiex issir ma-

*terjalment is-soċjetà proposta*: u għalhekk *ikun neċessarju li* ssir l-istima tal-patrimonju, biex jiġi stabbilit kemm azzjonijiet *is-soċjetà l-ġdida tkun tista'* temetti;

Illi fil-każ in ispeċje, b'riżoluzzjoni unanimi separata, irrispettivi azzjonisti ta' żewġ banek antiki awtorizzaw lid-diretturi li jamalgamaw dawk iż-żewġ banek taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-istess diretturi kienu jikkunsidraw proprji u kif *delineati* fil-propost *statut ta'* l-amalgamazzjoni;

Illi għalhekk dik l-awtorizzazzjoni kellha *neċessarjament* u ġuridikament tippresupponi l-approvazzjoni tal-kondizzjonijiet kollha ta' l-istatut;

Illi t-tliet banek ma setgħux jeżistu t-tlieta flimkien, għaliex bl-estinzjoni ta' l-ewwel tnejn sar it-tielet, u għalhekk interruzzjoni ġuridika neċessarjament kien hemm;

Illi d-diretturi kienu awtorizzati jagħmlu dik il-fużjoni mingħajr *vera likwidazzjoni*;

Illi qabel il-kreazzjoni ta' l-enti l-ġdid l-azzjonisti taż-żewġ banek l-oħra riedu jaraw u jaċċertaw x'kien il-patrimonju ta' dawk *iż-żewġ banek*, biex jiġi *desunt* il-valur reali ta' l-azzjonijiet, u ħalli naturalment jaraw kif l-azzjonisti antiki kienu *seirin in* korrelazzjoni jassumu l-azzjonijiet tal-Bank il-ġdid; u għalhekk, *meta* ġie stabbilit illi l-azz'oni nominali ta' £100 tkun tiswa £150, huma xi vantaġġi jkollhom;

Illi *dan kollu kellu jsir anteċedentement għall-kreazzjoni tas-soċjetà l-ġdida*, għax il-pattijiet partikulari u ġenerali, u *l-assikurazzjoni ta' l-assunzjoni ta'* dawk l-azzjonijiet, kienu parti ta' l-azzjonisti antiki, kemm mill-ġodda, kienet element neċessarju għall-kreazzjoni ta' l-enti l-ġdid;

Illi jidher ċar illi jekk parti mill-azzjonijiet setgħu jitteħdu mill-barranin, dan il-fatt ġie subordinat għall-kondizzjoni li dawk l-azzjonijiet ma jiġux meħuda mill-azzjonisti antiki;

Illi s-soċi tal-banek amalgamati kienu *sejrin ipoġġu* fl-enti l-ġdid l-attiv kollu ta' dawk il-banek, bil-kondizzjoniijet espressament u impliċitament pattwiti; u jingħad "espressament", għaliex kien ġie stabbilit in anteċedenza illi l-fond tar-

riżerva kellu jagħmel tajjeb għal parti min-"newly-issued ordinary shares" tas-soċjetà l-ġdida li l-azzjonisti antiki kellhom jieħdu in proporzjon tal-"holdings" tagħhom; u għalhekk, jekk mhux materjalment almenu mentalment, l-attiv kellu jiġi rifatt f'somma korrispondenti għall-akkwist ta' dawk ix-"shares". u mbagħad jiġi trasferit; u jingħad "implicitament", għaliex l-istess azzjonisti għal dawk l-azzjonijiet, għalkemm ma qalux illi għar-residwali £50 għal kumplament ta' £150 huma ma kienux sejrin joħorġu flus, iżda ma kienux sejrin jieħdu dik l-azzjoni għal dak l-ammont ta' xejn, sija taħt forma ta' donazzjoni jew inħabba xi rinunzja. Mhux taħt forma ta' donazzjoni, għax l-att tas-soċjetà, li għandu jiġi kunsidrat fl-integrità tiegħu, huwa titolu oneruż, u fil-kuntratti onerużi l-korrispettiv jista' jikkonsisti fir-ripromissjoni ta' vantaġġi li l-partijiet jirripromettu; u f'dan il-każ il-vantaġġi li kienu taw dawk iż-żewġ banek kienu inċentiv suffiċjenti għall-vantaġġ ripromess u li kienu jisperaw mill-enti l-ġdid; illi għall-esklużjoni ta' dak il-korrispettiv hemm bżonn ta' provi sodi u ċari. Lanqas jista' wieħed jitkellem fuq rinunzja, meta dak l-akkwist b'dak il-mod kien stabbilit qabel il-kreazzjoni ta' l-istitut il-ġdid, u għalhekk qabel ma seta' kien kapaċi ta' l-ebda effett ġuridiku; illi qabel l-amalgamazzjoni taż-żewġ banek kellha ssir, jekk mhux vera likwidazzjoni, imma jiġi notat dak kollu li kull Bank kellu, u għalhekk, meta saret dik l-ispeċi ta' likwidazzjoni, f'lok saret riduzzjoni tal-patrimonju soċjali fi flus, l-istess saret fuq il-karta u s-somma riżultanti ġiet maqsuma mentalment biss, skond ir-rispettivi vantaġġi proporzjonali;

Illi li seta' jiġi diviż, bħal fond tar-riżerva, ġie menzjonat, mentri l-kumplament ġie mgħoddi "en bloc" lis-soċjetà l-ġdida, bil-kondizzjoni li dawk l-azzjonisti antiki jieħdu in korrispettiv l-azzjonijiet ġodda, bit-trasfużjoni kontemplata;

Illi infatti dak l-attiv li jidħol "in conto capitale" jirrappreżenta "quid" illi l-azzjonisti antiki kienu qegħdin jikkonferixxu proporzjonatament fis-soċjetà l-ġdida, bħala ħaġa komuni li għalih għandhom jikkompartecipaw, barra minnhom, l-istess azzjonisti b'azzjonijiet akkwistati oltre l-"holdings"

tagħhom, kemm il-barranin meta jkun il-waqt;

Illi dana l-kalkolu jidher (1) fil-fissazzjoni tal-valur effettiv ta' azzjonijiet imsemmija fl-istatut, u li huwa r-riżultat tad-diviżjoni tal-patrimonju soċjali bin-numru ta' l-azzjonijiet; (2) mill-konvenzjoni li dwar l-azzjonijiet komponenti l-kapital supplementari ta' £100,000, li kienu sejrin jiġu rifjutati mill-azzjonisti, l-istess azzjonijiet setgħu bi prijorità jittieħdu mill-azzjonisti li kienu disposti jakkwistawhom, għalkemm kienu ħadu skond il-"holdings" tagħhom l-azzjonijiet lilhom allokati, imma mhux iżjed taħt l-istess kondizzjonijiet ta' qabel, iżda bil-versament intier bħal barranin; (3) mill-konvenzjoni l-oħra dwar ir-residwali supplement tal-kapital versat ammontanti għal £40,000, li fuqhom l-azzjonisti kellhom prijorità ta' akkwist, u li indistintament, jekk akkwistati minn azzjonisti jew estranei, kellhom ikunu akkwistati bil-versament ta' flus ta' £150; (4) mill-mod kif kellhom jitħallsu u jiġu in parti kompensati s-soċi azzjonisti rifjutanti l-"allotment" tagħhom, skond il-modalità ta' l-att kostitutiv; (5) mir-ripartizzjoni proporzjonali kif kellhom jitqassmu għall-akkwisti fil-konfronti ta' l-azzjonisti tar-rispettivi ħanek in amalgamazzjoni;

Illi minn dan jidher illi l-azzjonijiet akkwistati mill-azzjonisti skond ir-rispettivi "holdings" u mħallsa 50% mir-riżerva u 50% in kontanti, kienu suppliti mill-ħaġa komuni mgħoddija fl-attiv nett lill-Bank il-ġdid; il-għaliex meta jkun hemm differenza fl-azzjonijiet bejn il-valur nominali u dak effettiv, fil-waqt ta' l-emissjoni tagħhom, jgħaddi, in kwantu għall-valur korrispondenti għall-valur nominali "in conto capitale", u in kwantu għad-differenza fil-"conto riserva", u mhux fil-"conto profitti e perdite";

Illi n-nuqqas ta' kalendazzjoni taħt dak il-kont fil-kotba ta' l-enti l-ġdid huwa argument rafforzativ ta' dak li huwa fuq espost;

Illi dan iġib għall-konsegwenza illi jekk il-£50 kontanti kellhom jgħaddu fir-riżerva, il-£50 maħruġa mentalment kalkolati korrispondenti għad-dritt ta' l-azzjonisti bħala komparteċipanti fil-ħaġa komuni konferita li ma ġietx effettivament li-

kwidata, li kienu jiffurmaw parti mill-kapitali oriġinarji, ta' bil-fors għaddew f'dak il-kont l-attiv trasferit kif kellhom jgħaddu bħala *kieku materjalment imħallsa;*

Illi għalkemm dana ma ġiex imsemmi fl-istatut, però dana huwa ġustifikat mill-menzjoni tal-passaġġ tal-ħaġa komuni bl-esklużjoni ta' dak li kellu jħallas jew jagħmel tajjeb għalih il-fond tar-riżerva;

Illi għalkemm is-soċi ta' l-enti antiki riedu jgħaddu l-attiv nett fl-enti l-ġdid, huma ma riedux ma jeħduhx in kalkolu għaliex allura kien jiġri l-inkonvenjent ekonomiku li s-soċi l-ġodda, għad-dannu ta' l-antiki, jirradikaw dritt li bih jistgħu fil-mument proprju jikkomparteċipaw fi kwota aqwa minn dik li kienet proporzjonatament tmisshom minn dik il-ħaġa komuni, illi l-enti antiki komposti minnhom bħala soċi kienu jkunu ġabru bil-ħidma, industrja, riskju u esperjenza, bla ma jkunu ħallsu l-ebda korrispettiv;

Illi hekk kien jiġri kieku l-azzjonisti kienu ħarġu l-£50 l-oħra; l-obbjezzjoni illi fl-att kostitutiv ta' l-enti l-ġdid ma saret l-ebda menzjoni dwar il-parti rientranti fil-patrimonju soċjali kompost mill-ħwejjeġ l-oħra, mentri saret għall-"fondi di riserva", hija biss apparenti, għax il-"fondo di riserva" b'vot unanimi tas-soċi seta' jiġi diviż, mentri l-"fondo capitale", kieku ġie diviż kien jinnewtralizza l-fużjoni, jew almenu kien jirrendiha aktar kostuża, u kienet tkun proċedura *inutili;*

Illi mbagħad l-attiv li ġie konferit, kien l-attiv nett wara d-diffalk ta' dik il-parti tal-fondi tar-riżerva li kienu disponibili fiż-żewġ banek, u li kienet intiża għal terz ta' kull azzjoni, u tal-flus imħallsa lill-azzjonisti li setgħu jirrifjutaw l-"allotment" tagħhom;

Illi kieku l-"fondo di riserva" għadda integralment mal-"fondo capitale" fl-enti l-ġdid, l-azzjonijiet kienu jiswew iżjed kieku dan il-patt ma kienx sar, u l-azzjonisti antiki ma kienux ma jsibux xi espedjent ieħor biex jiġu kompensati għal dawk l-utili li setgħu b'konkors unanimi liberament jiddividu bejniethom;

Illi l-mod kif, dwar l-azzjonijiet rifjutati, jirrafforza t-teżi

fuq mġjuba, għax juri illi seta' kien hemm vantaġġ minn banda u vantaġġ minn oħra fil-kontrattazzjoni oneruża "de quo", l-istess kien jidher u l-azzjoni tiegħu kienet interament indipendenti mill-volontà spontanea tar-rifjutanti determinata mill-istat ekonomiku tal-mument;

Illi in pratika, kieku l-patrimonju soċjali taż-żewġ banek ġie likwidat u ridott fi flus u diviż bejn l-azzjonisti rispettivi ta' dawk il-banek, illi mbagħad jagħmlu l-konferimenti bi flus għall-kreazzjoni ta' l-enti l-ġdid, dik l-operazzjoni ma kienetx in sostanza taltera r-rapport ġuridiku li effettivament kellu kors;

Illi għalhekk minn dan jidher illi ma kienx hemm l-ebda passaġġ gratuwitu ta' proprjetà jew rinunzja ta' drittijiet;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur *nomine u l-petizzjoni* tiegħu fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi milqugħa t-talba ta' l-appellant nomine, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Tikkunsidra;

*Omissis;*

Illi l-gravam ta' l-appellanti huwa illi l-Ewwel Qorti kien imissha laqgħet it-talba tiegħu peress illi dawk l-azzjonisti tal-banek antiki, li ħadu azzjonijiet tal-Band il-ġdid, "newly-issued ordinary shares" ta' £100, għal kapital ta' £1400, ħarġu bi flus għal kull azzjoni ta' £100 nominali, li realment kienet tiswa £150, £50 in kontanti u £50 mill-"fondo di riserva", u b'hekk ma ħarġu l-ebda korrispettiv għad-differenza ta' £50 għal kull azzjoni tal-valur effettiv ta' £150. Jekk il-kwistjoni tiġi prospettata b'mod hekk iżolat minn fatturi oħra, allura apparentement donnu hemm trasmissjoni gratuwita; imma, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, il-kuntratt li sar mhux kuntratt gratuwitu, iżda kuntratt a titolu oneruż, ċjoè l-amalgamazzjoni taż-żewġ banek antiki, l-Anglo Maltese Bank u l-Bank of Malta, u għalhekk ġew *fużi u xjolti*, bħala enti ġuridiċi u personalità per sè stanti, biex sar il-Bank l-ieħor il-ġdid, in-National Bank of Malta. U biex saret dik l-amalgamazzjoni, l-operazzjonijiet kienu neċessarjament diversi, u waħda sussegwenti u dipendenti mill-oħra; u prinċi-

palment jingħad illi s-soċi taż-żewġ soċjetajiet. li kienu indipendenti waħda mill-oħra u kellhom personalità u attività ġuridika indipendenti waħda mill-oħra, kellhom neċessarjament, biex tista' ssir dik l-amalgamazzjoni, illi jiddeliberaw illi jsir ix-xoljiment ta' l-enti rispettiv tagħhom fejn kienu soċi biex jiġi kreat l-enti l-ġdid, li nħoloq neċessarjament bl-estinzjoni ta' dawk iż-żewġ banek. Għalhekk dawk is-soċi u dawk l-azzjonisti antiki ta' l-entijiet li mietu, biex jaderixxu għal dik l-amalgamazzjoni kellhom bil-fors ikunu jafu, almenu fil-linji ġenerali tagħhom, salvi d-dettalji li setgħu jinħadmu wara mid-diretturi, taħt liema kondizzjoni sejra ssir dik l-amalgamazzjoni u liema vantaġġi huma sejrin ikollhom. U ċertament kondizzjoni bħal dik, illi huma bħala azzjonisti antiki jkollhom id-dritt illi minn "newly-issued ordinary shares" li kienu jkunu sejrin jiġu kreati jieħdu ċertu ammont ta' "shares", sew l-Anglo Maltese Bank sew il-Bank of Malta, u kif sejrin jitħallsu dawk ix-"shares" fis-sens illi, peress illi l-valur reali tagħhom ikun £150, mentri n-nominali ta' £100, sejrin jitħallsu minn kull azzjonist in kwantu għal terz in kontanti, u in kwantu għal terz ieħor mill-"fondi di riserva", b'mod illi għalhekk huma effettivament joħorġu għal kull "share" £100 għal £150. dik id-differenza ta' £50 kienet korrispettiv ta' vantaġġ illi huma, minħabba dik il-fużjoni, u minħabba illi in vista ta' dik il-fużjoni, u ta' dawk in-"newly-issued ordinary shares", li setgħu jiġu anki, taħt ċerti kondizzjonijiet assenjati lill-barranin, taw l-adeżjoni tagħhom għal dik l-operazzjoni. Anki jekk dawk il-kondizzjonijiet saru mid-diretturi bħala mandatari u delegati tagħhom, qabel ma nħalaq l-enti l-ġdid, il-pożizzjoni ġuridika baqgħet l-istess;

Għal dik id-differenza li tidher, li peress li ma ġietx imħallsa mill-azzjonisti antiki ġiet apparentement lilhom mogħtija gratuwitament, effettivament dik il-gratuwità tispiċċa meta n-negozju u l-operazzjoni jkunu eżaminati mhux iżolatament, imma fil-kumpless tagħhom kollu. L-appellant igħid illi fuq dan il-punt fl-ewwel sentenza hemm konfużjoni bejn il-movent u l-kawża; huwa intuwitiv, għax huwa elementari, illi l-movent ta' kuntratt huwa ħaġa u l-kawża hija ħaġa oħra; dak li

trid il-liġi bħala element essenzjali tal-kuntratt ma' l-oġġett, hija l-kawża, indipendentement x'seta' kien il-movent li spinġa l-parti biex tagħmel dak il-kuntratt. Imma f'dan il-każ li ntqal fuq huwa kompenetrat mal-kawża stess ta' l-operazzjoni, illi hija kuntratt oneruż, u l-enti l-ġdid ta dawk l-azzjonijiet lil dawk l-azzjonisti antiki, tal-valur reali ta' £150, mentri eżiġa biss £100, preċiżament għaliex dik kienet waħda mill-kondizzjonijiet tax-xoljiment tal-Banek antiki u ta' l-amalgamazzjoni tagħhom u l-kreazzjoni ta' l-enti l-ġdid;

Għalhekk ma jistax jingħad illi l-enti l-ġdid ta dawk l-azzjonijiet, oġġett ta' dan in-negozju, mingħajr ma rċieva l-korrispettiv għat-terz tagħhom, għaliex il-korrispettiv kien irċevih preċiżament meta s-soċi ta' l-enti antiki taw l-adeżjoni tax-xoljimenti, u l-enti l-ġdid inħoloq u sar b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet statutarji li huwa għandu jirrispetta;

Tikkunsidra;

Illi għalhekk tajjeb ġie ritenut mill-Ewwel Qorti u sottomess mill-appellat, illi l-"animus donandi" f'dan il-każ jeżula għal kollox. Huwa intuwitiv illi biex ikun hemm passaġġ gratuwitu jrid ikun hemm, skond id-dritt ċivili, l-"animus donandi" da parti tad-donanti, u dak l-"animus" iġib essenzjalment miegħu illi d-donanti, barra mill-każijiet ta' dota, ikun għamel id-donazzjoni għaliex liberament ried jagħmilha "nullo jure cogente". Meta, għall-kuntrarju, l-enti l-ġdid ta dawk l-azzjonijiet u rċieva biss żewġ terzi ($\frac{2}{3}$) tal-valur effettiv, huwa kien obligat jagħmel hekk, ried jew ma riedx, għaliex kien obligat skond l-istatut kreativ tiegħu;

Jingħad mill-appellant illi t-trasmissjoni gratuwita saret preċiżament f'dak l-Istatut u f'dak il-mument ġiet kontemplata; imma dik kienet mhux trasmissjoni gratuwita, imma sempliċi kondizzjoni li saret preċiżament għaliex l-enti antiki aderew għax-xoljiment tagħhom biex jagħtu lok għall-enti l-ġdid, mhux ċjekament, imma taħt ċerti kondizzjonijiet, u fosthom kondizzjoni hekk importanti kienet ċertament kontemplata minn dawk l-enti antiki u mill-azzjonisti u s-soċi ta' l-enti antiki meta aderew illi jsir dak li sar. Hawn qegħdin mhux f'xi operazzjoni privata, operazzjoni ta' familja, xi adat-

tament ta' patrimonji domestiċi, imma qegħdin f'materja ta' istituti essenzjalment kummerċjali; u hija ħaġa magħrufa illi fil-kummerċ il-liberalitajiet huma rari ħafna, għaliex il-ħajja u l-attività kummerċjali għandhom neċessarjament bħala bażi tagħhom il-qliegħ, il-profitti u l-vantaġġi li jistgħu jieħdu minn operazzjoni li jkunu qegħdin jagħmlu. L-appellant issottometta illi ma jirriżultax mill-prospett anness ma' l-istatut illi s-soċi jew diretturi tal-banek antiki kienu taw l-adeżjoni tagħhom għall-amalgamazzjoni taħt il-kondizzjoni fuq enumerata; imma l-istess appellant fin-nota fol. 7 issottometta tajjeb illi fit-28 ta' Awissu 1945 ix-"share holders" ta' l-enti l-antiki għaddew b'votazzjoni unanimi riżoluzzjoni li awtorizzat ir-rispettivi Boards of Directors li jamalgamaw il-banek antiki, taħt dawk il-kondizzjonijiet illi l-istess Diretturi jikkunsidraw proprji, kif delineati fil-propost statut ta' l-amalgamazzjoni; u qatt ma jista' verosimilment jiġi aċċettat illi dawk il-kondizzjonijiet tant importanti, sija għall-azzjonisti "uti singuli", sija fir-relazzjoni bejn Bank antik u ieħor, peress illi kellu jiġi indikat liema numru ta' "shares" għandu jiġi assenjat lill-azzjonisti ta' l-Anglo Maltese Bank u liema numru lill-azzjonisti tal-Bank of Malta, ma ġewx preventivament stabbiliti qabel ma nħoloq il-Bank il-ġdid; li għalhekk, meta ġie kreat, inħoloq preċiżament taħt dawk il-kondizzjonijiet preventivament stabbiliti u annuwiti, u għalhekk li minnhom il-Bank il-ġdid ma setax joħroġ. Għalhekk l-idea tal-figura ta' passaġġ gratuwitu, sija taħt forma ta' donazzjoni sija taħt forma ta' rinunzja, ġuridikament hija addirittura inkonċepibili, għaliex jingħad illi l-enti l-ġdid kien obligat jirrispetta dawk il-kondizzjonijiet li mħabba fihom huwa twieled;

Tikkunsidra;

Illi barra minn dan, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti peress illi l-barranin kellhom anki d-dritt, taħt ċerti kondizzjonijiet, jakkwistaw azzjonijiet ta' dik l-emissjoni fuq imsemmija, kieku ma saretx dik il-kondizzjoni favur l-azzjonisti antiki, dawna kienu jiġu preġudikati di fronti għall-barranin. għar-raġunijiet miġjuba fis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti. L-appellant issottometta, fuq dan il-pont, illi għall-formazzjoni tal-

kapital addizzjonali s-soċi antiki ma jikkontribwew l-ebda attività minn tagħhom, għaliex dak jiġi kollu kontribwit; imma huwa kontribwit fl-enti, illi, biex jiġi kreat, ha l-attiv kollu, sia pure nett, ta' l-enti antiki, u għalhekk l-azzjonisti l-ġodda qegħdin jieħdu l-vantaġġi li ġejjin minn dak l-attiv li sar bil-ħidma tas-soċi antiki, u għalhekk xi vantaġġ fuq il-barranin -dawk neċessarjament għandhom ikollhom;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti;

Tirrespinġi l-appell ta' l-attur nomine, u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell, mogħtija mill-Prima Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu fit-18 ta' Settembru 1948; bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.